

# Il-Kelma Maltija miktuba

minn J.J. Camilleri
B.A. M.A. A.I.A. (Lond.)



L-istudju lingwistiku jkopri għadd ta' elementi ta' l-ortografija, il-grammatika, is-semantika, il-morfoloġija, in-neologiżmi, is-sintassi, l-idjoma, ir-relazzjonijiet ma' lingwi oħra, ecc. Ħafna ninn dawn l-aspetti jinteressaw l-aktar lill-istudjużi li jinteressawna l-aktar u mill-qrib għax l-aktar li jolqtu lil ilsienna huma l-ortografija u l-idjoma, kemm miktuba kif ukoll mitkellma. Dawn huma żewġ problemi li għadhom ukoll tal-preżent u li tagħhom jeħtieġ tinstab soluzzjoni.

Wieħed jista jgħid li illum, l-Ilsien Malti, m'għadx għandu għedewwa militanti jaħdmu kontrih minn qagħdiet u naħat influwenti, iżda għandu kankru ieħor li qiegħed jifnih irqiq irqiq, u jekk dan jitħalla jinfirex bir-rata li qabad, se jkun marda terminali.

Fuq naħa l-waħda hemm il-bruda u t-traskuraġni fejn tidħol il-kelma miktuba, fuq in-naħa l-oħra hemm ix-xenomania, wirt tradizzjonali ħtija tas-sens ta' dik l-inferjorità li ġab miegħu l-kolonjalizmu u l-ksuħat artifiċjali fejn tidħol il-kelma mitkellma. Li kieku kellna napplikaw l-istandard normali aċċettabbli ta' kif letterat għandu jitkejjel, kieku ħafna mill-Maltin jistgħu jitqiesu semi-illitterati għax la kienu jafu jiktbu u lanqas jesprimu ruħhom sewwa b'ilsienhom.

Fl-imgħoddi kellna s-sistema ta' liassez faire fil-kitba. Din kellha tispiċċa għax ma setax ikun li kull min ifettillu joħloq l-alfabett u s-sistema tiegħu ta' l-ortografija, jibqa jitħalla jagħmel dan. Kien mertu ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li rnexxielha tistandardizza l-ortografija u toħloq consensus. Meta fl-1839 Percy Badger analizza r-raġunijiet għall-istat baxx li fih kienet tinsab l-edukazzjoni lokali, ikkonkluda li waħda mir-raġunijiet ewlenin kienet "in-nuqqas ta' tagħlim f'lingwa stabbilita". B'lingwa stabbilita, Badger kellu f'moħħu l-Malti, li fi żmienu ftit kien jinkiteb u wisq anqas jinqara. Mingħajr alfabett u ortografija stabbilita, il-Malti ma setax ikollu dik l-istatura li tagħtih postu fis-sistema. Dawn in-nuqqasijiet kien ġa għarafhom Vassalli xi tmenin sena qabel Badger, meta hu ra l-ħtieġa ta' ortografija standardizzata. L-appoġġ li sab Vassalli, iżda, kien mill-barranin, bħal Hookham Frere u C.F. Schlienz. Il-Malti kien sab ukoll ruħu mħaxken bejn it-Taljan u l-Ingliż. Dawn ġebbduh 'l hawn u 'l hinn kif qablilhom u fil-ġlieda tagħhom għall-predominanza li damet sejra għal madwar mija u tletin sena, il-problema tal-Lingwa minn waħda edukattiva, saret politika u sentimentali.

L-oppozizzjoni għat-tagħlim tal-Malti ġiet mill-pseudo lingwisti u mill-politiċi. Raġuni minnhom kienet li l-Malti jbiegħedna mill-Ewropa u mill-Punent għax il-bażi tal-lingwa kienet semitika. Dan illum għadu jgħodd? Li kieku illum il-Malti mhux suġġett obbligatorju fl-eżamijiet pubbliċi u għad-dħul fl-Universita, niddubita x'importanza jingħata f'ċerti skejjel. Igħidu li l-preżent huwa l-mera tal-passat, u fir-rigward tal-qagħda preżenti ta' ilsienna, wieħed irid jiddeċiedi hu jekk dan għadux japplika jew le. Wieħed mill-eħrex avversarji tal-Malti ta' l-imgħoddi, Adrian Dingli, kien iqis il-Malti bħala djalett li jorbotna max-xtut ta' Barbarija u għalhekk kellu jiġi eliminat mill-iskejjel. Il-Kan. P. Pullicino, li dam tletin sena Direttur Ewlieni ta' l-Iskejjel Primarji, kien iqis il-Malti limitat u żgħir u li kellu funzjoni waħda sussidjarja, il-mezz tat-tagħlim għal-lingwi oħra. Fis-sistema li hu ppropona fl-1859, it-Taljan kellu jkun il-lingwa komuni fl-iskejjel kollha, il-Malti l-mezz biex dan jiġi attwat u l-Ingliz il-lingwa ta' l-aħħar klassijiet (compimento). Pullicino iffavorixxa alfabett kemm jista jkun jixbah lil dak Taljan u ortografija simili għax qies il-Malti mezz konvenjenti għat-tagħlim tat-Taljan.

Ix-xenomania illum għadha moda? Fl-imgħoddi t-Taljan kien sar jissimbolizza l-klassi l-għolja u l-kolta, il-Malti dik baxxa u illitterata. Illum għal uħud, l-Ingliż issostitwixxa t-Taljan, il-mentalità marbuta mal-qagħda soċjali għad hemm xi ftit riħitha u għad li ma timpressjona lil ħadd,

din qegħda tagħmel ħafna ħsara lill-Ilsien Malti. Il-kelma, l-espressjoni u l-idjoma Maltija qegħda tiġi ppastardjata u dawn qegħdin jiġu riflessi fil-gazzetti u l-mezzi tax-xandir. Il-preġudizzji m'għadhomx ġejjin minn kwartieri uffiċjali. Meta Manwel Dimech kien jara t-Taljan, il-lingwa tagħna uffiċjali, dik tal-Kurja, ta' l-amministrazzjoni, tal-qrati, tan-nutara, tat-tagħlim u li din kellha daqshekk sostenituri Maltin, mhux biss kien jisgħob bih, imma kien jgħadab ukoll. Kien qal li meta l-Ilsien Malti joħroġ mid-dlam, għandu mnejn warajh jiġu ħwejjeġ oħra. U hekk ġara għax iż-żmenijiet tassew inbidlu. Pajjiżna ra tibdil politiku importanti, ħa l-identità tiegħu kostituzzjonali u l-Ilsien Malti wkoll, biss ra li dawk li fl-imgħoddi ħaduha kontrih, issa mhux biss aċċettawh, imma ġew miegħu u qegħdin iwettquh.

Il-Malti ħa battikata kbira biex fl-aħħar irnexxielu jidħol fil-qrati. Arturo Mercieca kien l-aktar li oppona d-dħul ta' l-Ilsien Malti fil-qrati. Inġabu argumenti u saru protesti shan ma jaqtgħu qatt, għax fil-fehma ta' dawk l-uħud, postu ma kellux ikun hemm. Waħda mir-raġunijiet kienet il-mankanza ta' terminoloġija legali adekwata bil-Malti. Din it-terminoloġija adekwata għadha sallum ineżiżtenti, imma la saru sforzi, la saru attentati u lanqas studji biex it-terminoloġija legali issir tassew bil-Malti. Il-lingwaġġ eżiżtenti jifhmuh biss in-nies legali. Għandha tiġi rremedjata dis-sitwazzjoni?

Aħna llum naraw fit-tagħlim tal-Malti l-valur intrinsiku tiegħu. Hu l-ilsien li bih il-Malti jaħseb, jesprimi ruħu u jiżviluppa l-personalità tiegħu. Fl-imgħoddi l-ideat dwar dan kienu mħalltin. Uħud fehmu l-ħtieġa li l-ewwel tagħlim għall-Maltin kellu jkun il-Malti. Insemmu, bħala eżempji, lil Salvatore Cumbo, Vincenzo Bonavia, Pisani, Sigismonda Savona, Ruggieru Sciortino, Albert Manche, l-Imħallef Debono u ħafna aktar li nafu bihom fi żmenijiet aktar qrib. Kien hemm dawk li kienu totalment jopponu din it-teżi. Per eżempju, Salvatore Cachia Zammit mar aktar il-bogħod għax kien isostni li jekk l-ilsien Malti jingħata xi forma ta' statura, it-tagħlim fl-iskejjel imur lura, u għalhekk kien ippropona fil-Kunsill tal-Gvern biex il-qari u li tispelli bil-Malti kellhom jitneħħew. Kien hemm uħud fl-estrem l-ieħor, bħat-tabib Manche, li ried jùża t-tagħlim tal-Malti fil-klassijiet iż-żgħar biex qajla qajla jiġi eliminat it-Taljan. Kien hemm dawk li raw il-Malti l-mezz biex jiġu mgħallma lingwi oħra, u l-oħrajn li ma riedu jafu b'xejn u lanqas ma kienu lesti jilħqu l-iċken kompromess. Bħala eżempju, ta' min isemmi li meta l-Kummissjoni Irjali ta' l-1836 riedet li l-Malti jidħol bħala l-medium għat-tagħlim tat-Taljan u ta' l-Ingliż, l-oppożizzjoni għal das-suġġeriment kienet qawwija.

Kien f'sitwazzjoni bħal din meta fl-14 ta' Novembru, 1920, twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Sena wara (18/11/1921) l-Għaqda approvat l-alfabett tagħha, dan intbagħat lill-Kap tal-Ministri J. Howard li ġie mitlub biex jadottah fil-pubblikazzjonijiet bil-Malti. Ma sar xejn u lanqas fil-kostituzzjoni tal-1921, il-Malti baqa' ma ħax il-post li kien jixraqlu. Fl-1923, il-proposta ta' Robby Hamilton biex il-Malti jsir l-Ilsien Uffiċċjali m'għaddietx fil-parlament. Iżda fl-1924, ħareġ it-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija ta' l-għaqda li fuq mozzjoni tal-kandidat Laburista Turu Mifsud (22/11/23) kien ġie stampat fl-istamperija tal-Gvern. Mons. E. Dandria kien ukoll aċċetta l-fatt li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kellha l-għan li xxerred u tgħallem il-Malti u tistandardizza l-lingwa (tweġiba lis-senatur A. Sammut).

Illum huwa fatt magħruf li l-ħbieb ta' l-Ilsien Malti qatt ma kellhom f'moħħhom ibarru minn pajjiżna t-tagħlim ta' lingwi oħra barranin. Riedu biss jaraw il-Malti jieħu postu kif jixraqlu f'daru, u jkun il-mezz biex il-Maltin jiżviluppaw il-personalità tagħhom. Illum għalhekk m'għadniex nittrattaw il-problemi tal-lingwa b'mod sentimentali, il-bażi għandha tkun dik edukattiva. Il-ħtieġa li tinżamm is-safa' ta' l-idjoma Maltija li dwarha l-Akkademja tal-Malti ilha tisħaq (ara l-Editorjal, Diċembru 1976) hi waħda reali għax hemm il-biża' li l-idjoma Maltija mhiex se tibqa' aktar Maltija iżda se ssir taħlita bla sens ta' idjoma Ingliża maqluba ħażin għal Malti, ħtija l-aktar ta' dan il-ġurnalisti u l-mezzi tax-xandir. Rigward l-ortografija għad hemm ċerti punti li jeħtieġ li jiġu riveduti u dwarhom tittieħed deċiżjoni finali. Hemm ukoll l-influss fl-ilsien ta' kliem rumanz u anglosassonu. L-Akkademja tara l-ħtieġa ta' aġġustment permanenti, għax importanti li l-Malti jkollu l-uniformità. Diversi kummissjonijiet twaqqfu biex joqormu it-Tagħrif. F-1976 kienet diġà teżiżti waħda. L-Akkademja ħarġet iż-Żjieda u dan kien pass importanti. Jeħtieġ li dwar dawn l-irqaqat ikun hemm ġudizzju wieħed li kulħadd joqgħod għalih.

Mal-problema ta' l-idjoma hemm il-preokkupazzjoni daqshekk serja, jekk mhux aktar, ta' l-ortografija. Mill-1924 'l hawn, minn meta ħareġ it-TAGĦRIF u mill-1934 meta l-alfabett u l-ortografija ta' l-Għaqda bdew jintużaw uffiċjalment, għadda żmien biżżejjed biex l-ortografija tistabbilixxi ruħha sewwa. Kull Ingliż litterat, biex nagħti eżempju, jikteb tajjeb il-lingwa

tiegħu. Dan mhux il-każ tagħna. Ħafna, dawk ukoll li mhux suppost, għadhom ma jafux jiktbu b'ortografija korretta. M'għandix f'moħħi l-iżball 'l hawn u 'l hinn li wieħed jittollera. U hawn tidħol il-problema tagħna li ġġib magħha ħafna mistoqsijiet. Għaliex ħafna għadhom jissieltu ma' diffikultajiet ta' l-ortografija u jiktbu ħażin għax imħawwdin bir-regoli tal-grammatika, ma jaslux biex iqisu lill-Malti bħala lingwa popolari. Se nibqgħu sejrin hekk? Naslu biex xi darba jiġu eliminati dawn l-iżbalji ta' l-ortografija? Jien jidhirli li l-akbar kontribut li qatt jista wieħed jagħmel favur il-Malti hu dak li jsib mod aċċettat li jsolvi l-problema ta' l-ortografija. Jistgħu xi regoli ta' l-ortografija bħal per eżempju l-qagħda differenti ta' l-'għ' fil-kitba, jiġu rregolati u stabbiliti? Il-problema hi kbira għax tiġbor fiha għadd ta' aspetti, il-post u l-importanza tal-Malti fil-kurrikulu, it-tagħlim tiegħu u l-kotba, l-aġġustament tat-Tagħrif. Lanqas ma hija biżżejjed id-diskussjoni, teħtieġ l-azzjoni u azzjoni immedjata.

**Tal-istess kittieb fuq is-suġġett:**

"Hyphen", 1984, Vol. IV, No. 2 – A Question of the Alphabet
"Il-Malti", 1989 – L-Alfabett ta' l-Għaqda – Ħarsa Lura